**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 5 ta' Novembru 2020**

**Avviz Numru 188/2019**

**Elmo Insurance Limited (C 3500)**

**Vs**

**Grezzju Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fl-4 ta' Settembru 2019 li permezz tieghu talbet lill-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat minn din il-Qorti sabiex:

*"Thallas is-somma komplessiva ta' sebat elef erba' mija wiehed u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€7,481.89) rapprezentanti danni, imghax, spejjez gudizzjarji u VAT li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratrici tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBD 098.*

*Gara li, fit-23 ta' Awwissu 2015, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBD 098, proprjeta' tal-konvenut Grezzju Abela u misjuqa minnu, sfat involuta f'incident awtomobilistiku fejn habtet gol-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni JON 050, EBK 818, Z10271, DAS 564 u JBG 532, appartjenenti lil terzi.*

*Fuq l-iskorta tal-fatti u c-cirkostanzi tal-incident, is-socjeta' attrici kellha fil-pussess taghha bizzejjed evidenza sabiex tavza lill-konvenut illi huwa kien kiser il-kundizzjonijiet tal-polza u l-obbligi tieghu skont l-istess polza. L-inadempjanza kontrattwali tal-konvenut giet ikkonfermata mid-deposizzjoni ta' PS 1300 Julian Fenech fejn stqarr li "Irrizulta illi Abela kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb alkoholiku". Ghaldaqstant, il-konvenut kien prekluz milli jinvoka l-istess polza sabiex ikopri kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi incident. Permezz tal-ittra ufficjali taghha tas-6 ta' Jannar 2016, is-socjeta' attrici wissiet lill-konvenut bil-konsegwenzi kollha li kien se jgarrab minhabba l-inadempjenza kontrattwali tieghu.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 2016, dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Awwissu 2017 a tenur tal-Artikolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effett mill-31 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni."*

Rat li l-konvenut debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni baqa' ma deherx quddiem din il-Qorti biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezenta ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020 il-konvenut msejjah diversi drabi ma deherx u ghalhekk il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` attrici, fuq talba taghha stess, sabiex tipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut, liema kapitolu gie pprezentat seduta stante u gie approvat mill-Qorti.

Rat illi fil-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, is-socjeta` attrici talbet lill-konvenut sabiex jipprova bil-gurament tieghu li huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-konvenut ghas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb ghad-domanda tas-socjeta` attrici.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-Qorti tirrileva illi l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [ara Artikoli 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghall-kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li pprezentatu. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**,[1] illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obbligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-

[1] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998

subizzjoni hija mezz ta’ prova, u ghandha tigi ezaminata u evalwata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux kombacanti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F’dan is-sens ara d-decizjoni fl-ismijiet **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et**.[2] In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub *in essere* bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi.

Illi fil-kawza odjerna, is-socjeta` attrici ma gabet l-ebda prova hlief dik maghmula bis-subizzjoni tal-konvenut. Illi l-fatt biss li s-subent ikun naqas bla gustifikazjoni li jidher biex jirrispondi ghall-kapitolu maghmul kontra tieghu, m’ghandux necessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa’ t-talba attrici. Dan ghaliex skond il-ligi *“l-ammissjoni bis-subizzjoni ta’ wahda mill-partijiet tista’ taghmel prova ta’ fatt ……”* (Art 694 (2)). Dan ifisser li l-prova bil-kapitolu konfessat ghandha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma’ kull prova ohra li tkun prodotta. F’dan il-kaz ma ngabu l-ebda provi ohra biex jissostanzjaw id-danni, imghax, spejjez gudizzjarji u VAT kif reklamati fit-talbiet tas-socjeta` attrici. Il-Qorti m’ghandha l-ebda prova ta’ kif l-ammont reklamat hu maqsum. Lanqas ma gew esebiti kopja ta’ ittri ufficjali msemmija fir-rikors promutur.

Illi ghaldaqstant, minkejja l-prova bis-subizzjoni tal-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici ma pproducietx dawk il-provi necessarji biex din il-Qorti tkun f’posizzjoni li tilqa’ t-talba taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[2] Prim’Awla, 28 ta’ Gunju, 1952